**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Omissis u**
**Mario Camilleri**

Kumpilazzjoni Numru: 862/2013

Illum 27 ta' April, 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Omissis u Mario Camilleri ta' 44 sena iben Anthony u Mary Anne nee' Giordmaina mwieled Pieta' 345569M u residenti gewwa Block C1, Flat 2, Triq Ganni Bonnici, Zebbug talli:

1. Nhar l-4 ta' Settembru 2013 ghall-habta tas-sebgha u kwart ta' filghodu bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe' serq minn gewwa r-residenza bin-numru 5, Triq il-Mithna, Zebbug (Malta) liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi il-2329.45 Euros (elf Lira Maltija) ghad-dannu ta' Filippa Borg, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta' taghhom;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe'ghamlu hsara fil-bieb principali tal-istess residenza liema hsara hija ta' anqas minn mija u sittax Euro u

sebgha u erbghin Euro centezmu (€116.47) u dan ghad-detriment ta’ Filippa Borg;

3. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrendew ruhhom recedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huma ga gew misjuba hatja permezz ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil Mario Camilleri wahdu akkuzat ukoll talli:

1. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 22 tal-Ligijiet ta’ Malta imposti fuqu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Joseph Apap Bologna LLD datata 31 ta’ Jannar 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Lil Omissis wahdu akkuzat ukoll talli:

1. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit LL.D. fid-digriet taghha ta’ nhar is-6 ta’ Settembru 2010 li bih tat il-helsien mill-arrest taht depozitu ta’ 1,000 Euro u garanzija personali ta’ 15,000 Euro.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr MarseAnn Farrugia LL.D. fid-digriet taghha ta’ nhar it-23 ta’ Mejju 2011 li bih tat il-helsien mill-arrest taht depozitu ta’ 3,000 Euro u garanzija personali ta’ 10,000 Euro.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr Edwina Grima LL.D. fid-digriet taghha ta’ nhar is-26 ta’ Lulju 2010 li bih tat il-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija personali.

Il-Qorti ntalbet sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat liz-zewg imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

- Fl-artikoli 41(1)(a), 261(b),(e)(c), 263(a), 269(g), 267, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Mario Camilleri wahdu:

- Fl-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Omissis wahdu:

- Fl-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat Mario Camilleri waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tieghu. Tqis li ikun aktar opportun li l-imputat jitpogga taht ordni ta' probation sabiex jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega. Huwa proprju ghac-cirkostanzi partikolari tal-imputat li tqis li mhux opportun li titratta ma' l-imputat ghar-raba' imputazzjoni anki ghaliex ir-reat li tieghu instab hati l-imputat fil-31 ta' Jannar, 2013 kien jirrisali ghas-sena 1995.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b),(e)(c), 263(a), 269(g), 267, 278, 279(b), 280, 281, 325(1)(c), 49, 50 u 289 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Inoltre' taghzel li ma titrattax ma' l-imputat inkwantu ghar-raba' imputazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma jottemperax ruhha ma' din is-sentenza.

Tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Ufficcju tad-Direttur tal-Probation.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat